# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Numru 26**

**Citaz. numru 99/98 PC**

**Richard Zammit**

**vs**

**Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti;**

## I. PRELIMINARI

### 1. Ic-citazzjoni

Fis-7 ta' Mejju tal-1998, Richard Zammit ("l-appellant") intavola citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex Superjuri) li biha ppremetta hekk :-

> "Li huwa proprjetarju ta' fond fi Triq il-Fossos fic-Citadella Ghawdex, u ppropona li jigi zviluppat fuq arkitettura li taqbel mal-ambjent.

Li l-attur issottometta applikazzjoni f'dan is-sens illi Awtorita' tal-Ippjanar liema applikazzjoni giet irrifjutata fis-7 ta' April 1998 (applikazzjoni numru 5134/95, PA 5134/95 DPAB).

Li r-rapport tad-Development Permit Application (DAP) jirrizulta li ghalkemm allegalment saru kontestazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Muzewijiet, il-Planning Authority qatt ma kellha risposta u konsegwentement ir-rifjut da parti ta' din l-Awtorita' sar fuq l-ipotezi li l-izvilupp propost seta' jservi ta' sara mentri fil-fatt ma saritx valutazzjoni serja ta' dan il-fattur u r-rifjut sar ukoll a terzi ta' Structure Plan Policies li minnhom infushom ma jipprojbixxux l-izvilupp b'mod assolut izda li ghandhom iservu ta' Gwida ghal valutazzjoni li ghandha taghmel l-Awtorita' konvenuta.

Li wkoll li permezz ta' zewg avvizi biex tieqaf u ta' twettieq tas-26 ta' Marzu 1998 li ggib in-numru ECF 383/98 kif ukoll tal-5 ta' Marzu 1998 li ggib ir-riferenza numru ECF 361/98 l-attur gie mizmum li jaghmel zvilupp fuq l-imsemmi sit kif ukoll li jnehhi kull haga li saret minghajr permess u li s-sit jitregga fi stat originali.

Li dawn l-ordnijiet kif ukoll ir-rifjut ta' permess fuq imsemmi kif ukoll kull ordni ohra ancillari jew sussidjarja inkluzi l-ordnijiet verbali tal-'enforcement officers' jikkostitwixxu diskrezzjoni amministrattiva li hija antikostituzzjonali minhabba li jivvjola d-drittijiet fondamentali tal-bniedem senjatament id-dritt ta' privazzjoni ta' proprjeta' huma atti 'ultra vires' a tenur tal-artikolu 409A (1) (b) (ii), (iii) u (iv) minghajr il-kumpens xieraq ghaliex ikkostitwixxa uzu hazin ta' poter, abbuz ta' poter u uzu sproporzjonat ta' poter in relazzjoni ghal valur socjali li ghandu jigi protett bil-ligi relattiva kif ukoll minhabba li huwa kontra l-ligi."

Bl-imsemmija citazzjoni l-appellant talab lil dik il-Qorti li :-

"1. Tiddikjara li r-rifjut ta' l-Ippjanar datat 7 ta' April 1998 (applikazzjoni numru 5134/95, PA 5134/95 (DPAB) ghar-ragunijiet premessi bhala llegali.

2. Tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zewg avvizi biex tieqaf u ta' twettieq tas-26 ta' Marzu 1998 li ggib in-numru ECF 383/98 kif ukoll tal-5 ta' Marzu 1998 li ggib ir-riferenza numru ECF 361/98 bhala llegali.

3. Konsegwentement tordna r-revoka ta' l-avviz ta' rifjut imsemmi fl-ewwel (1) talba u z-zewg avvizi biex tieqaf u ta'

twettieq tas-26 ta' Marzu 1998 u tal-5 ta' Marzu 1998 imsemmija fit-tieni talba."

2. Fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu c-Chairman tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar ("l-appellat") eccepixxa inter alia li :-

"illi preliminarjament li din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindika decizjonijiet ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar stante li l-attur ghandu dritt li jappella quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kemm fil-konfront ta' rifjut moghti mill-istess Awtorita' kif ukoll wara l-hrug ta' avviz biex tieqaf u/jew ta' twettieq, u sussegwentement l-istess jista' jappella minn decizjoni ta' dan il-Bord lill-Qorti ta' l-Appell fuq punti ta' ligi decizi mill-istess Bord.

Illi di fatti l-attur stess ghamel diversi appelli quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Illi fil-konfront tar-rifjut ta' l-applikazzjoni moghti fis-7 ta' April 1998 liema applikazzjoni iggib in-numru PA 5134/95 (u li ghaliha ghamel riferenza l-istess attur fil-premessi tac-citazzjoni li ghamel), l-attur ghamel appell numru PAB 314/98 KA quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datat l-20 ta' April, 1998.

Illi l-istess attur intavola wkoll zewg appelli ohra minn avvizi biex tieqaf u/jew ta' twettieq li nhargu mill-konvenut, liema appelli igibu rispettivament in-numru PAB 302/98 EKA u PAB 243/98 SMS."

<u>3. Is-sentenza appellata</u>

L-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex Superjuri), b'decizjoni li tat fil-5 ta' Novembru tas-sena 1999 cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta appellant u ddikjarat ruhha kompetenti li tkompli tisma' din il-kawza wara li kkunsidrat hekk :-

"Illi permezz ta' din l-eccezzjoni preliminari tieghu l-konvenut Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar qed jeccepixxi illi din il-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni stante li skond l-Att I ta' l-1992, il-gurisdizzjoni f'dawn il-kazijiet tinsab fl-ewwel istanza f'idejn il-

Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u fit-tieni istanza f'idejn il-Qorti ta' l-Appell fuq punti ta' ligi decizi mill-istess Bord.

Irrizulta bhala fatt illi l-attur gia ntavola diversi appelli quddiem il-Bord kostitwit bil-ligi msemmija sabiex jikkontesta d-decizjonijiet mehuda fil-konfront tieghu mill-konvenut odjern, u dana kif jidher mid-diversi dokumenti esebiti mill-konvenut fl-atti ta' din il-kawza.

Il-kwistjoni li ghalhekk trid tigi deciza minn din il-Qorti f'dan l-istadju tirrigwarda d-dritt o meno li wiehed jirrikorri ghall-Qorti ordinarja sabiex jikkontesta decizjoni moghtija minn xi organu stabbilit mill-Att 1 tal-1992 li jirregola l-Ippjanar ta' l-Izviupp, minkejja illi l-istess ligi tipprovdi hija stess dwar ir-rimedji disponibbli ghal min ikun irid jikkontesta tali decizjoni.

Ir-rimedji li tipprovdi l-ligi msemmija ghall-kontestazzjonijiet mehuda mill-organi taghha huma, l-ewwel dritt ta' appell quddiem tribunal mahluq ghal dan il-fini mill-istess ligi, u cioe' l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, imbaghad cans ta' appell iehor quddiem il-Qorti ta' l-Appell, imma biss fuq punt ta' ligi.

Din il-Qorti kif preseduta gia' kellha okkazjoni tidhol fil-fond fuq din il-materja fis-sentenza taghha tas-6 ta' Frar 1996 moghtija fuq l-istess eccezzjoni fil-kawza "Michael Sciberras et vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar et" (Cit. Nru. 87/1994)), fejn kienet irriteniet illi :-

"Fil-kaz ….. fejn l-atturi qieghdin jitolbu li din il-Qorti tissindika d-decizjonijiet tal-Planning Authority u l-Planning Appeals Board 'inter alia' appuntu fuq allegazzjonijiet ta' ksur tal-principji ta' gustizzja naturali ta' "audi alteram partem" u nuqqas ta' imparzjalita' u "bias" fil-konfront taghhom, li rrinunzjaw ghall-uzu tad-diskrezzjoni taghhom u li d-decizjonijiet taghhom kienu 'ultra vires', din il-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex hija wkoll, bhal ma gara fil-kaz ta' decizjonijiet minn tribunali amministrattivi ohra, tikkonferma illi ghandha gurisdizzjoni u hija kompetenti tieghu konoxxenza ta' din il-kawza sabiex tinvestiga dwar l-allegazzjonijiet imqajjma mill-atturi."

Din is-sentenza giet segwita wkoll f'decizjonijiet ohra ta' din il-Qorti kif ippreseduta moghtija fuq eccezzjonijiet simili ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni fil-kawza "Domenico Savio Spiteri et pro et noe vs Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar et" (Cit. Nru. 103/95) moghtija fit-3 ta' Mejju 1996, "Raymond Bajada et vs Joseph Kenely noe" (Cit. Nru. 186/93) moghtija fit-12 ta' Frar 1998 u "Angelo Said vs Chairman Planning Authority" (Cit. Nru. 163/97) moghtija fit-30 ta' April 1998.

Fil-kaz in ezami nsibu illi l-attur qieghed 'inter alia' jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu, li allura per necessita' jinvolvi indagini dwar il-principji ta' gustizzja naturali, u ghalhekk bhal ma qalet fis-sentenzi taghha hawn fuq citati, il-Qrati ordinarji dejjem ghandhom gurisdizzjoni jindagaw u jiddeciedu dwar tali allegazzjonijiet.

Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut jiccita in sostenn tal-posizzjoni tieghu zewg sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn giet ittrattata wkoll u deciza l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti ordinarja f'kazijiet simili. Din il-Qorti thoss pero' bir-rispett kollu illi dawk is-sentenzi ma japplikaw xejn ghal kaz bhal dak presenti li ghandha quddiemha. Il-kawza "Victor Attard et vs Ic-Chairman ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar (Cit. Nru. 890/95) deciza fit-23 ta' Ottubru 1998 li segwiet l-insenjament ta' kawza simili "Sunny Homes Limited vs Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar (Cit. Nru. 1079/96), deciza fit-28 ta' Frar 1997, kienet tirrigwarda talba ghad-danni li l-atturi kienu qed jallegaw li gew ikkagunati lilhom mill-Awtorita' ghax naqset illi tiehu decizjoni dwar talba taghhom ghall-hrug ta' xi permessi tal-bini, u ghalhekk il-Qorti fis-sentenzi taghha f'dawk il-kawza, gustament irriteniet illi l-Ligi dwar l-Ippjanar kienet hija stess tipprovdi rimedji dwar kwistjoni bhal dik imqajjma mill-atturi u rrifjutat li tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza. Min-naha l-ohra fil-kaz presenti ghandha allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ta' l-attur minhabba decizjonijiet allegatament hziena gia mehuda mill-konvenut, hwejjeg illi l-ligi dwar l-Ippjanar ma tikkontemplax rimedji ghalihom.

Hekk ukoll fl-istess nota ta' l-eccezzjonijiet, il-konvenut jghid illi l-art. 469A tal-Kap. 12 li jaghti poter lill-Qrati ordinarji sabiex jissindikaw decizjonijiet amministrattivi, bhal ma, minghajr dubbju ta' xejn, huma d-decizjonijiet ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-organi varji taghha, fis-subartiklu (4) tieghu, jiskludi specifikatament dik il-gurisdizzjoni meta l-ligi specjali stess li tkun ikkostitwiet tali tribunali, tipprovdi ghall-"mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal."
Imma kif gia' kellha okkazjoni ssostni fis-sentenzi taghha fuq iccitati, din il-Qorti hija tal-fehma illi din l-eskluzjoni ma tapplikax ghall-kazijiet li jinvolvu principji ta' gustizzja naturali u li ma jkunux u ma setghux kienu gew ittrattati mill-organi mwaqqra jew indikati biex jiehdu konjizzjoni ta' dak l-ilment partikolari. Din il-Qorti ghall-istess ragunijiet lanqas ma taqbel mal-kontenzjoni tal-konvenut kif sottomessa fit-tlettax-il paragrafu tan-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu, u cioe' illi "….. kieku wiehed kellu jaccetta t-tezi ta' l-attur, allura jasal ghall-konkluzjoni llogika li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar qieghed hemm inutilment u li di

piu' din il-Qorti tkun qed tinkorri l-probabbilita' li tibda tassumi hi l-hidma ta' l-istess Bord, billi tispicca li tisma' u tiddeciedi l-kazijiet kollha li jkunu mertu ta' appell quddiem il-Bord jew li minnhom jista' jsir appell lill-Bord."

Dan ghaliex kif qalet fis-sentenzi taghha hawn fuq iccitati :

"…. ghalkemm id-diskrezzjoni tat-tribunal amministrattiv fuq il-fatti u l-interpretazzjoni taghhom hija esklussiva, il-qrati ordinarji ghandhom dejjem u fi kwalunkwe stadju tal-proceduri amministrattivi, d-dritt illi jintervjenu limitatament sabiex tigi investigata allegazzjoni dwar ksur ta' principji ta' gustizzja naturali, bhal ma jidher illi qieghdin jaghmlu l-atturi proprio et nomine permezz ta' din ic-citazzjoni taghhom. Altrimenti jkun qed jittiehed ir-riskju forsi anke rrimedjabbli f'kazijiet bhal ma huma dawk ittrattati mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fejn spicca huwa nvolut it-twaqqiegh ta' bini, illi ssir ingustizzja gravi mal-persuna koncernata.

## II. L-APPELL

4. Il-konvenut appellat hassu aggravat minn din id-decizjoni u appella minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors intavolat fl-10 ta' Jannar 1999. Huwa talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni appellata u minflok tiddikjara li l-ewwel Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tibqa' tisma' l-kawza odjerna. L-aggravju principali tal-appellant jikkonsisti fl-allegazzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet interpretazzjoni ghal kollox zbaljata tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. L-appellant jispjega l-aggravju tieghu testwalment hekk :-

"3. Illi l-art. 469A(1) jipprovdi li "Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita' ta' xi ghemil amministrattiv

jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss :-

(a) meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni ;

(b) meta l-ghemil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawk li gejjin ;

(i) meta dak l-ghemil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu ; jew

(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettieq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjoni ta' qabel dwar dak l-ghemil ; jew

(iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti ;

(iv) meta l-ghemil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."

4. Illi hu car anke minn qari tal-premessi u talbiet fic-citazzjoni odjerna li t-talbiet ta' l-attur jinkwadru ruhhom fl-artikolu 469A gia' citat.

5. Illi hu umilment sottomess li r-ragunar ta' l-ewwel Qorti fejn irriteniet li hi xorta wahda ghandha gurisdizzjoni li tinvestiga allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' osservanza ta' gustizzja naturali ecc., wkoll jekk hemm rimedju taht xi ligi specjali – bhalma hu fil-kaz odjern – hu ragunar li ma jistax ireggi meta wiehed jaqra sew is-subartikolu (4) tal-art. 469A li bl-aktar mod car jghid **li d-dispisizzjonijiet ta' l-art. 469A "…… ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra**. (Il-bold print hu ta' l-appellant l-Awtorita').

6. Illi f'dan il-kuntest issir riferenza ghat-talbiet ta' l-attur fic-citazzjoni fejn l-istess attur talab li kemm ir-rifjut li tat l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kif ukoll iz-zewg avvizi biex tieqaf u ta' twettieq jigu iddikjarati bhala llegali u revokati mill-ewwel Qorti u dan a tenur ta' dak li jipprovdi l-art. 469A gia' citat.

7. Illi hu sottomess li **m'hemm l-ebda dubbju li l-attur taht l-Att Numru 1 tan-1992 kellu rimedju effettiv biex jikkunteta**

**kemm ir-rifjut ta' l-applikazzjoni li ghamel kif ukoll iz-zewg avvizi.** Dan tant hu minnu li l-istess attur fit-tlett kazijiet in kwistjoni (cioe' ir-rifjut ta' l-applikazzjoni u z-zewg avvizi biex tieqaf u ta' twettieq) appella quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Dawn l-appelli instemghu quddiem il-Bord fil-mertu, u attwalment sal-prezentata ta' dan ir-rikors ta' appell, huma pendenti quddiem l-istess Bord. Dan ifisser li ma hemm l-ebda dubbju li l-attur kellu rimedju taht ligi partikolari – l-Att Numru 1 tan-1992 – biex jikkontesta u jiehu rimedju.

8. Illi ghalhekk hu car li fil-kaz odjern japplika s-subartikolu (4) gia' citata u li ghalhekk l-art. 469A mhux applikabbli. Dan allura jfisser li gia' ladarba l-attur kellu rimedju taht ligi partikolari, il-**Qrati ordinarji fir-rigward tal-kaz odjern, ma ghandhomx il-gurisdizzjoni necessarja biex jistharrgu l-ghemil amministrattiva ta' l-Awtorita'** u jiddikajraw tali ghamil kienx illegali jew ultra vires jew kontra kostituzzjonali a bazi ta' l-istess artikolu 469A gia' citat.

9. Illi dwar dan il-punt issir ukoll riferenza ghad-decizjoni tal-**Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Bunker Fuel Oil Company Ltd et vs Paul Gauci u Planning Authority moghtija fis-6 ta' Mejju 1998.** Illi f'din id-decizjoni il-Qorti ta' l-Appell kienet hasret decizjoni ta' l-ewwel Qorti ghaliex skond l-istess Qorti ta' l-Appell l-appellanti **bhala third parties** seghu ma kellhomx rimedju effettiv taht l-Att Numru 1 tan-1992. Illi hu pero' rilevanti li f'dik l-istess decizjoni il-Qorti ta' l-Appell fil-kuntest tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 469A gia' citat, irriteniet ukoll li "**L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti**, biex tistharreg l-ghemil amministrattiv, **tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaci w adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma utilizzatx tali proceduri disponibbli**." (Il-bold print hu ta' l-appellanti l-Awtorita' ta' l-Ippjanar).

10. Illi hu sottomess li m'hemm l-ebda dubbju li fil-kaz odjern l-attur Richard Zammit **kellu rimedju effettiv taht l-Att Numru 1 tan-1992 biex jikkontesta** kemm ir-rifjut ghall-applikazzjoni ghall-hrug ta' permess kif ukoll l-avvizi biex tieqaf u ta' twettieq, tant li fil-fatt ghamel uzu minn dan ir-rimedju kif diga' gie sottomess f'dan ir-rikors.

11. Illi inoltre ssir riferenza wkoll ghal diversi decizjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fosthom :

- Victor Attard et vs Ic-Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar deciza fit-23 ta' Ottubru 1998 ;

- Sunny Homes Limited vs Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar deciza fit-28 ta' Frar 1997 ; u

- Albert Mizzi et noe vs Chairman ta'l-Awtorita' ta' l-Ippjanar deciza fis-26 ta' Mejju 1997,

fejn il-Qrati kienu laqghu l-eccezzjoni sollevata ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni da parti ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

12. Illi inoltre bir-rispett kollu jigi rilevat li d-decizjonijiet li l-ewwel Qorti iccitat in sostenn ta' decizjoni taghha li minnha qed isir l-appell odjern (fost ohrajn dik fl-ismijiet Michael Sciberras et vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar et deciza fis-6 ta' Frar 1996 mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex), huma lkoll decizjonijiet moghtija mill-istess Qorti kif kienet preseduta fil-kawza li minnu qed isir dan l-appell.

13. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jekk kif qalet l-ewwel Qorti hemm allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, allura bir-rispett kollu, hu umilment sottomess li tali kwistjoni ma taqax taht il-gurisdizzjoni ta' l-ewwel Qorti **imma se mai hi materja ta' natura kostituzzjonali**. Illi difatti l-istess attur ghamel ukoll zewg rikorsi kostituzzjonali proprju marbuta ma' l-istess kwistjoni.

14. Illi hija ghalhekk hija s-sottomissjoni ta' l-appellant l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li decizjoni preliminari ta' l-ewwel Qorti hija skorretta u ghandha tigi revokata."

5. L-odjern appell sar wara li l-appellant talab u ottjena l-awtorizazzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti biex jintavola l-appell odjern.

6. Illi l-appellat gie notifikat kemm bir-rikors tal-appell tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar u kemm ukoll bid-data ta' meta kellu jinstema' l-appell quddiem din il-Qorti. Mill-atti ma jirrizultax li huwa pprezenta risposta ghar-rikors tal-appell tal-appellant u, da parti tal-appellat, ma saru ebda sottomissjonijiet la orali u lanqas bil-miktub quddiem din il-Qorti.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. Dan huwa appell li qed isir mic-Chairman tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar minn decizjoni in parte moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex Superjuri) fil-5 ta' Novembru 1999 li biha giet michuda eccezzjoni dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-istess Qorti.

8. L-attur appellat, b'din il-kawza, qieghed jipprova jinpunja ghemil amministrattiv tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar, wara li l-applikazzjoni tieghu lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghall-permess tal-izvilupp giet rifjutata fis-7 ta' April 1998. Bl-istess kawza l-attur appellat qed jipprova jinpunja wkoll zewg avvizi biex tieqaf u ta' twettieq mahruga mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar rispettivament fil-5 ta' Marzu 1998 u fis-26 ta' Marzu 1998. Il-fond in kwistjoni jinsab fi Triq il-Fosos, fic-Cittadella ta' Ghawdex, fond li hu skedat bid-disinjazzjoni ta' grad numru 1 skond il-Pjan ta' Struttura Policy UCO7, kif jirrizulta mill-Gazzetta tal-Gvern pubblikata fis-27 ta' Gunju 1995.

9. Ghalkemm fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni, l-attur appellat jiccita l-artikolu 409A (1) (b) (2) (iii) u (iv) jidher evidenti li dan huwa lapsus calami ghaliex ir-referenza kellha tkun ghall-artikolu 469A (1) (b)(2) (iii) u (iv). L-attur qed jallega li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar uzat id-diskrezzjoni amministrattiva moghtija lilha mil-ligi b'mod skorrett u hazin billi harget l-imsemmi rifjut ghall-permess kif

ukoll l-imsemmija avvizi biex tieqaf u ta' twettieq, ghaliex l-attur infatti jallega li dawn hargu bi ksur tal-kostituzzjoni kif ukoll b'uzu hazin ta' poter, abbuz ta' poter u uzu sproporzjonat ta' poter fir-relazzjoni ghall-valur socjali li ghandu jigi protett bil-ligi relattiva kif ukoll minhabba li huwa kontra l-ligi. L-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara l-imsemmija rifjut u avvizi bhala llegali u ghalhekk tordna r-revoka taghhom.

10. M'hemm l-ebda dubbju li t-talbiet tal-attur appellat fic-citazzjoni gew imfassla bl-iskop li jigu applikati d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 1 tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Dawn id-disposizzjonijiet jaghtu lill-Qrati ordinarji l-gurisdizzjoni li jannullaw u jhassru kull ghemil amministrattiv jekk ikunu jirrikorru c-cirkostanzi partikulari msemmija fl-istess subartikolu. F'dan il-kuntest ghandu jinghad li l-process fl-istadju li wasal fih, huwa skarn kwazi ghal kollox mill-provi dwar x'hiex ezattament kien jikkostitwixxi l-abbuz ta' poter allegat mill-attur appellat fil-konfront tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

11. L-eccezzjoni preliminari tal-appellant dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti tisma' u tiddeciedi l-meritu tal-kawza odjerna hija evidentement bazata fuq ir-raba' subartikolu tal-imsemmi artikolu 469A tal-Kap. 12. Dan is-subartikolu jghid li d-disposozzjonijiet tal-artikolu 469A :-

> "m'ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi pprovdut dwaru f'xi ligi ohra."

Bis-sahha ta' dan is-subartikolu l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jinbarkaw fuq "judicial review" ta' ghemil amministrattiv ta' kwalunkwe awtorita' amministrattiva, fosthom ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, tinsab effettivament limitata ghall-kazijiet fejn ma jkunx ipprovdut b'xi ligi partikolari mod iehor ta' kontestazzjoni jew mod iehor li bis-sahha tieghu jkun possibbli l-ksib ta' rimedju effettiv quddiem xi Tribunal specjali li l-istess ligi jew Qorti tkun hasbet ghalih.

12. Fil-kaz odjern, hemm ligi specjali ezattament l-Att Numru 1 tal-1992, li inter alia, kkrejat makkinarju u proceduri ad hoc biex wiehed ikun jista' appozitament jikkontesta xi decizjoni u/jew xi ghemil amministrattiv ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li bihom wiehed seta' hassu aggravat. Issir riferenza hawn ghall-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, Tribunal indipendenti, mwaqqaf bis-sahha tal-artikolu 14 tal-imsemmi att tal-1992. Dan il-Bord inghata, inter alia, gurisdizzjoni specifika li jisma' u jiddeciedi appelli maghmulha minn minn ihossu aggravat b'decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar kull haga ta' kontroll tal-izvilupp, inkluz it-twettieq ta' dak il-kontroll. L-istess artikolu jipprovdu li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti tad-dritt decizi mill-Bord li minnhom gie appozitament provdut appell lil din il-Qorti tal-Appell.

13. L-appellant issottometta li l-appellat Richard Zammit ghamel uzu mill-mod ta' kontestazzjoni provdut b'din il-ligi specjali billi appella quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kemm mir-rifjut tal-permess li harget l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kif ukoll mill-avvizi biex tieqaf u ta' twettieq li harget l-istess Awtorita'. Fl-atti processwali ma hemm l-ebda indikazzjoni jekk dawn l-appelli ntavolati mill-appellat quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kellhomx xi ezitu u f'kaz affermattiv dana x'kien hlief ghal dak li jintqal fil-paragrafu (7) tar-rikors tal-appell tal-Awtorita' appellanti.

14. L-iskop tal-attur appellat li ghalih intavola l-odjerna kawza huwa precizament biex huwa jottjeni r-revoka tad-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li biha rrifjutat il-hrug ta' permess tal-izvilupp li kien applika ghalih l-istess attur appellat. Inoltre huwa qieghed jitlob li l-avvizzi biex tieqaf ta' twettieq imsemmija fic-citazzjoni jigu revokati mill-Qorti. Issa, l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, bis-sahha tal-ligi specjali fuq imsemmija, nghata s-setgha li, fit-termini tal-istess ligi specjali, investiga l-ghemil ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, u nghata s-setgha mill-istess ligi specjali li jipprovdi rimedju effettiv ghal min ikun aggravat bl-istess ghemil jew decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Anzi, f'dan il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mhux biss ghandu s-setgha li jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li biha gie rifjutat il-permess ghall-izvilupp mitlub mill-appellat izda wkoll l-istess Bord ghandu s-setgha li

huwa stess johrog il-permess mitlub, naturalment jekk huwa jkun sodisfatt li dan jista' jaghmlu skond il-ligi.

15. L-imsemmi subartikolu 4 tal-artikolu 469A espressament jisvesti l-Qrati ordinarji mill-gurisdizzjoni moghtija lilhom bis-subartikolu 1 tal-istess artikolu 469A li jistharrgu gudizzjarjament decizjonijiet amministrattivi, fuq fatti u konsiderazzjonijiet li jkunu diga' gew mistharrga, jew li jistghu jigu mistharrga u decizi minn Bordijiet jew Tribunali jew Qrati li jkunu twaqqfu jew gew inkarigati ad hoc mil-legislatur b'xi ligi specjali biex appuntu jinvestigaw u jiddeciedu kwistjonijiet teknici jew legali msemmija fl-istess ligi specjali.

16. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ilmenti li ressaq l-appellat fil-kawza odjerna kontra l-ghemil ta' l-Awtorita' ta'l-Ippjanar seta' validament iressaqhom fl-appell tieghu li jintavola quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar mid-decizjonijiet li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet hadet kontrieh u li jissemmew fl-att tac-citazzjoni. F'dan il-kontest il-Qorti trid taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet <u>"Teddy Rapa vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar et"</u> deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju tas-sena 2000 li testwalment osservat hekk :-

> "L-aggravju tal-appellant donnu hu bazat fuq l-ideja skorretta li materja ta' diskriminazzjoni setghet biss tigi nvestigata u rettifikata mill-organi gudizzjarji kostituzzjanali. Filwaqt li hu veru li kienet biss il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li kellha gurisdizzjoni originali biex tittratat u tiddeciedi materji ta' vjolazzjonijiet attwali jew mhedda tad-drittijiet fondamentali, fosthom allura d-dritt ta'

helsien mid-diskriminazzjoni, u li minn decizjonijiet ta' dik il-Qorti seta' biss isir appell quddiem din il-Qorti, dan ma jfissirx illi kull Qorti jew Tribunal iehor kellu necessarjament iwarrab mill-konsiderazzjonijiet tieghu kull sottomissjoni li ssirlu fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni li tolqot il-meritu, u li jaqa' fil-kompetenza ta' tali Qorti jew Tribunal.

Hekk allura ma hemm xejn x'jostakola lill-Bord tal-Appell jindaga u jiddeciedi allegazzjoni ta' diskriminazzjoni bhal dik avvanzata mir-rikorrent …..

Li din il-Qorti tixtieq tissottolineja hu li l-organi gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji kollha kienu fid-dover li jinterpretaw u japplikaw il-ligi, fosthom l-Att Numru 1 tal-1992, fid-dawl tal-assjem tad-dritt Malti li certament jinkludu wkoll ir-rispett tad-drittijiet fondamentali, u dan sa fejn dan kie konsentit lilhom li jaghmlu fil-parametri tal-ligi li huma jkunu qieghdin jinterpretaw …….

Id-decizjoni li twassal ghal cahda tal-permess kellha, bhal kull decizjoni ohra, tittiehed ukoll fir-rispett tal-jeddijiet fondamentali tal-individwu protetti mill-kostituzzjoni u mill-konvenzjoni."

17. Din il-Qorti hija tal-fehma illi fl-assjem tad-dritt Malti li ssemmi l-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza appena citata ma jistghux jigu eskluzi n-nozzjonijiet li janimaw is-subartikolu (1) tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Ma hemm xejn li jzomm il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar meta jkun qieghed jirrevedi xi decizjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar li jara li l-istess Awtorita' tkun agixxiet intra vires, li hijatkun segwiet il-principji tal-gustizzja naturali, li hija tkun osservat il-htigijiet procedurali mandatorji imposti mil-ligi, u li hija ma tkunx abbuzat mis-setghat li l-ligi kkonferiet fuqha, billi, per ezempju, hadet id-decizjoni ghall-ghanijiet mhux xierqa jew ibbazat l-istess decizjoni fuq konsiderazzjonijiet li ma kienux rilevanti ghall-kaz. Din il-Qorti tifhem illi kien proprju ghalhekk li l-legislatur, fis-subartikolu (4) espressament iddispona li l-Qrati tal-Gustizzja ta' kompetenza civili, cioe' l-Qrati

ordinarji, huma espressament svestiti milli jekk il-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra. Fil-fehma tal-Qorti, anke l-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar hu soggett li josserva huwa stess fis-smiegh tal-appelli quddiemu, n-nozzjonijiet li janimaw l-imsemmi subartikolu (1) tal-artikolu 469A. Ghalhekk, jekk jirrizulta li l-Bord, fid-decizjoni tieghu jew fis-smiegh tal-appell ma jkunx osserva dawk in-nozzjonijiet xorta wahda l-Qrati ordinarji jibqaghlhom il-gurisdizzjoni li jistharrgu gudizzjarjament l-ghemil ta' dak il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Fi kliem iehor, l-ghemil u/jew id-decizjonijiet tal-Bord imsemmi, fil-kazijiet kongruwi, jistghu jkunu soggetti ghal "judicial review".

18. Minn dak li ghadha kif qalet il-Qorti johrog car li, bir-rispett kollu dovut lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti ma tistax tikkondividi dak li l-ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata, partikolarment fil-parti konkludenti taghha. Din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza appellata applikat b'mod skorrett l-artikolu 469A, sostanzjalment ghaliex injorat kompletament is-subartikolu (4) tal-istess artikolu li, kif rajna, jillimita sew il-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji li jistharrgu gudizzjarjament l-ghemil amministrattiv fil-kazijiet imsemmija fis-subartikolu.

19. Fl-ahharnett, din il-Qorti tixtieq taghmel riferenza ghas-sentenza taghha moghtija fil-5 ta' Ottubru 2001 li trattat kaz simili ghal dak

odjern, u cioe' dik fil-kawza fl-ismijiet "John Cauchi vs Chairman Awtorita' ta' l-Ippjanar.

20. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u ghalhekk previa li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tac-Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, tirrevoka u thassar is-sentenza in parte moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-5 ta' Novembru 1999 u tiddikjara li fl-istadju li giet intavolata l-kawza odjerna u fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex il-gurisdizzjoni li tiddeciedi l-meritu tal-istess kawza odjerna.

L-ispejjez kemm tas-sentenza appellata kif ukoll ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-appellat Richard Zammit.

Dep/Reg

mg